

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Notifika mingħand il-Gvern Awstrijak skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“Id-Direttiva dwar l-Elettriku”) rigward ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku b’rabta mal-ħatra ta’ Austrian Power Grid (APG), Vorarlberger Übertragungsnetz GmbH (VÜN) u Eneco Valcanale S.r.l. bħala operaturi tas-sistema ta’ trażmissjoni fl-Awstrija**

(2015/C 376/07)

Wara d-deċiżjoni finali tal-awtorità regolatorja Awstrijaka:

1. tat-12 ta’ Marzu 2012, PA 947/12 u tad-19 ta’ Marzu 2012, PA 1021/12 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta’ Austrian Power Grid (APG) bħala Operatur ta’ Trażmissjoni Indipendenti,
2. tal-1 ta’ Ġunju 2012, PA 2284/12 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta’ Vorarlberger Übertragungsnetz GmbH (VÜN) bħala operatur tas-sistema ta’ trażmissjoni b’separazzjoni tad-dritt ta’ proprjetà,
3. tat-22 ta’ April 2015, PA 911/15 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta’ Eneco Valcanale S.r.l. bħala Operatur ta’ Trasmissjoni Indipendenti (ITO),

L-Awstrija nnotifikat lill-Kummissjoni l-approvazzjoni uffiċjali u l-ħatra ta’ dawn il-kumpaniji bħala Operatur tas-Sistema ta’ Trażmissjoni li jopera fl-Awstrija skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Elettriku.

Kull informazzjoni addizzjonali tista’ tinkiseb minn dan l-indirizz:

Il-Ministeru Federali għax-Xjenza, ir-Riċerka u l-Ekonomija  
Id-Dipartiment tal-Enerġija u tal-Minjieri  
Diviżjoni tal-Enerġija - Kwistjonijiet Legali

E-mail: POST.III1@bmwfw.gv.at

Tel: +43 1711003011

Internet: www.bmwfw.gv.at

**Notifika mingħand il-Gvern Awstrijak skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“Id-Direttiva dwar il-Gass”) rigward ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali b’rabta mal-ħatra ta’ Gas Connect Austria GmbH (GCA) u Trans Austria Gasleitung GmbH (TAG) bħala operaturi tas-sistema ta’ trażmissjoni fl-Awstrija**

(2015/C 376/08)

Wara d-deċiżjoni finali tal-awtorità regolatorja Awstrijaka:

1. tas-6 ta’ Lulju 2012, PA 2782/12 u tat-18 ta’ Lulju 2014, PA 1594/14 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta’ Gas Connect Austria GmbH (GCA) bħala Operatur ta’ Trażmissjoni Indipendenti,
2. tat-18 ta’ Lulju 2014, PA 1593/14 u tal-14 ta’ Settembru 2015, PA 13199/15 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta’ Trans Austria Gasleitung GmbH (TAG) bħala Operatur ta’ Trażmissjoni Indipendenti,

L-Awstrija nnotifikat lill-Kummissjoni l-approvazzjoni uffiċjali u l-ħatra ta’ dawn il-kumpaniji bħala Operatur tas-Sistema ta’ Trażmissjoni li jopera fl-Awstrija skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Gass.

Kull informazzjoni addizzjonali tista’ tinkiseb minn dan l-indirizz:

Il-Ministeru Federali għax-Xjenza, ir-Riċerka u l-Ekonomija  
Dipartiment tal-Enerġija u tal-Minjieri  
Diviżjoni tal-Enerġija — Kwistjonijiet Legali

E-mail: POST.III1@bmwfw.gv.at

Tel: +43 171100-3011

Internet: www.bmwfw.gv.at